MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 698/2012

**GO plc**
**C 22334**
**Vs**
**Falzon Romina**
**ID No. 92583M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 t'Ottubru, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' erba' mija u disghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€499.31) liema ammont huwa in konnesjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40100233* moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont numru *A/C 40100233* u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitlu 12.

Illi 'l konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra 'l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta 'n subizzjoni.
Illi b'risposta pprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2012 il-konvenuta ecceppiet illi fl-ewwel lok il-konvenuta qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammont rikjest fit-talba attrici stante li qatt ma giet innotifikata bl-ebda ittri ufficjali jew ittri ufficjali 166A. Dan il-fatt qieghed jigi muri minn Dok IZY4 ipprezentat mis-socjeta' attrici stess fejn ir-riferti ta' l-ittra ufficjali 166A gew lura negattivi. Illi ghalhekk il-kawza setghet facilment ma saritx la darba l-konvenuta qatt ma giet debitament notifikata.
Illi fit-tieni lok il-konvenuta qedgha thallas l-ammont fuq rikjest imam peress hi batuta finanzjarjament u qieghda tghix fuq ir-relief hi lesta thallas l-ammont imam b'pagamenti zgahr kull xahar.
Illi ghalhekk din il-kawza saret frivolozivament u setghet facilment tigi evitata, ghalhekk il-konvenuta m'ghandiex tehel l-ispejjez ta' din il-kawza u lanqas ta' l-ittra ufficjali, u s-socjeta' attrici minn issa ingunta in subizzjoni.
Bl-ispejjez.
Illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2013 dehru l-partijiet fejn infurmaw it-Tribunal illi l-konvenuta accettat illi thallas l-ammont mitlub u filfatt bidet thallas.
It-Tribunal wara li semgha lill-partijiet jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u disghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€499.31) pagabbli f'rati mensili fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) fix-xahar.
Bl-imghax jibda jiddekori mid-data li l-konvenuta tonqos milli thallas ir-rata mensili.
Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------